MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2007

Mandat Numru. 111/2007/1

**Marlene Ferry**

**vs**

**Michael Ferry**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha fir-rikors.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi li:

*"(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga lit kun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet".*

Ikkunsidrat illi l-partijiet huma mizzewgin u bejniethom tezisti l-komunjoni tal-akkwisti. Dan il-fatt minnu nnifsu juri li *prima facie* r-rikorrenti ghandha d-drittijiet li tghid li ghandha fuq il-beni tal-komunjoni.

Il-konsistenza tal-istess komunjoni tal-akkwisti tigi definita biss fil-mument tal-likwidazzjoni taghha. Huwa ghal din ir-raguni li l-Qorti tikkonsidra li, ukoll ghar-rigward tas-socjeta` Fine Settings Limited li hi socjeta` registrata qabel il-mument taz-zwieg, ir-rikorrenti ghandha jeddijiet ukoll, partikolarment fejn jidhlu *dividends* u rikavat iehor li jista` jkun hemm.

M`huwiex il-mument issa, fi proceduri ta` mandat ta` inibizzjoni li wiehed jezamina x`attivita` kummercjali o meno tezercita din l-istess socjeta`.

F`dan il-kuntest il-Qorti tikkunsidra li t-trasferiment tal-beni registrati f`isem l-intimat ikun ta` pregudizzju serju u rrimedjabbli ghar-rikorrenti.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------